*Click for English version*

Kunsill Lokali In-Naxxar

# Il-Pjan ta' Ħidma 2019 – 2024

## Abbozz għall-konsultazzjoni mal-pubbliku

## WERREJ

IL-VIŻJONI TAL-KUNSILL ........ 3

INFRASTRUTTURA ........ 3

TRAFFIKU ........ 4

TRASPORT PUBBLIKU ........ 4

SIGURTÀ ........ 5

AMBJENT ........ 5

EDUKAZZJONI ........ 5

ARTI U KULTURA ........ 6

KOMUNIKAZZJONI U KONSULTAZZJONI ........ 6

SERVIZZI MILL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL ........ 6

KOMUNITÀ KUMMERĊJALI ........ 7

FONDI EWROPEJ ........ 7

TURIŻMU ........ 7

QASAM SOĊJALI ........ 7

SPORTS ........ 8

INIZJATTIVI FAVUR L-ANNIMALI ........ 8

TISBIĦ U PROĠETTI ........ 8

ATTIVITAJIET ........ 9

## VIŻJONI TAL-KUNSILL

- Ikun viċin ir-residenti u jkun il-leħen tagħhom fi kwistjonijiet ma’ entitajiet ċentrali
- Ikattar u jippriserva l-identità, il-karattru, it-tradizzjonijiet u l-wirt tan-Naxxar
- Jipprovdi ambjent u kwalità ta’ ħajja aħjar
- Jipprovdi l-aqwa servizzi lir-residenti tiegħu

## INFRASTRUTTURA

1. Il-Kunsill joħloq sistema fejn ir-residenti jkollhom l-opportunità li jgħaddu suġġerimenti lill-Kunsill kif nistgħu insebbħu n-Naxxar. Dawn is-suġġerimenti jsiru permezz ta’ sistema fuq is-*Social Media* u r-residenti jkunu jistgħu jivvutaw dwarhom. Il-Kunsill joħloq sistema ta’ premjazzjoni li tista’ tieħu diversi forom.
2. Ikun ingaġġat / ikkuntrattat *works manager* biex jiżgura li l-kuntratti qed jiġu mħaddma tajjeb u biex jaċċerta li tinżamm manutenzjoni tajba tat-toroq, bankini, ġonna, playing fields u postijiet oħra pubbliċi.
3. Tkompli l-ħidma ta’ tibdil ta’ bankini.
4. Tkompli l-ħidma ta’ tiswija ta’ toroq filwaqt li ssir insistenza ma’ Infrastructure Malta biex ikompli l-programm ta’ rikostruzzjoni tat-toroq fin-Naxxar.
5. Il-Kunsill fl-aħħar snin ħareġ b’ideat ta’ proġetti għal kull żona. Il-Kunsill għandu jiżgura li jinvolvi lill-poplu tan-Naxxar biex joħroġ b’ideat għal dawn l-ispazji f’kull żona. Suġġerimenti għal spazji miftuħa jistgħu isiru fi:
    a. Birguma, inkluż Belvedere.
    b. Baħar iċ-Ċagħaq (Xatt il-Palm).
    c. Magħtab (bi sħab ma Wasteserv tista’ tintuża parti mill-miżbla magħluqa).
    d. Triq il-Lanġas quddiem iċ-Ċentru Pastorali li tista’ tkun aktar pedestrian friendly.
    e. Triq San Pawl fejn il-kappella li tista’ tkun aktar pedestrian friendly.
    f. Triq V Boron ma’ Triq San Publju.
6. Il-Kunsill jaħdem fuq pjan lokali billi jikkuntratta esperti biex iwettqu studju man-Naxxar dwar parkeġġ u traffiku. Nistudjaw il-possibilitajiet kif jista’ jsir PPP biex isir parkeġġ taħt l-art possibilment taħt Ġnien Toni Vella.
7. Il-Kunsill jikkonsidra l-installazzjoni ta’ sinjali elettroniċi li normalment jinfurmaw lis-sewwieqa b’kemm veloċità jkunu qed isuqu biex inaqqsu. Dawn ikunu installati f’toroq li għalkemm huma toroq lokali, huma meqjusa bħala ‘arterji lokali’ bħalma huma Triq San Pawl, Triq V Boron, Triq it-Tuffieħ u Triq Anton Manwel Caruana.

8. Ikun iffurmat sottokumitat speċifikament biex jindirizza problemi ta' aċċessibilità fil-lokalità kif ukoll problemi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità. Dan is-sottokumitat jagħmel *walkabouts* madwar il-lokalità biex jara fejn hemm bżonn titjib fit-toroq.
9. Il-Kunsill jiddiskuti ma' Infrastructure Malta biex tinstab soluzzjoni dwar problemi ta' għargħar f'ċerti żoni bħal Labour Ave, Pjazza Ċelsi u Triq Leli Falzon.

## TRAFFIKU

1. L-ammont ta' traffiku li għandna fiċ-Ċentru tan-Naxxar huwa pre-okkupanti u qiegħed jaffettwa l-ħajja tar-residenti b'mod negattiv. Il-Kunsill jemmen li t-traffiku li m'għandux għalfejn jidħol fin-Naxxar għandu jkun skoraġġit.
2. Parti mill-pjan lokali għandu jiffoka kif it-traffiku jista' jkun ikkontrollat aħjar u mnaqqas.
3. Il-Kunsill jaċċerta li l-infrastruttura tat-toroq, bħal sinjali u marki tat-toroq tinżamm fl-aqwa stat possibli.

## TRASPORT PUBBLIKU

4. Il-Kunsill ikompli joffri u jestendi s-servizz ta' trasport P2P li awtomatikament qed jolqot kemm l-aspett ambjentali u anki ta' saħħa. Isir studju biex jiġi evalwat l-użu u jekk tinstab il-ħtieġa jkun hemm żieda fil-ħinijiet. Tkompli ssir aktar promozzjoni u jekk jinstab li hemm potenzjal il-Kunsill jinvesti f'mobile app biex ikun faċilitat l-istess servizz.
5. Tkun ikkunsidrata l-possibiltà li l-Kunsill jinvesti f'vettura oħra elettrika li tkun iżgħar mill-vann preżenti. Dan sabiex ikun aktar faċli li jinstabu sewwieqa minħabba li l-vann preżenti jeħtieġ liċenzja speċjali.
1. Jibda programm ta' installazzjoni ta' *bus shelters* fejn hemm bżonn, inkluż it-tisbieħ ta' dawn l-inħawi.
2. Il-Kunsill jaħdem biex ikun hemm aktar trasport sostenibbli billi jħeġġeġ l-użu tar-roti u vetturi elettriċi. Biex jilħaq dan il-għan il-Kunsill:
    a. Joħloq rotot għaċ-ċikliżmu b'senjalar apposta.
    b. Iżid il-*bike sharing stands*.
    c. Iżid *charging points* fiċ-ċentru għall-vetturi elettriċi.

## SIGURTÀ

1. Sabiex kull resident ikollu moħħu mistrieħ mis-sigurtà, il-Kunsill iżomm kuntatt mal-Pulizija u LESA permezz ta' laqgħat regolari. Il-Kunsill jistieden lil dawn l-entitajiet biex joffru taħdidiet u informazzjoni kif wieħed jista' jkollu aktar sigurtà f'daru.
2. Issir pressjoni biex ikun hemm preżenza akbar ta' pulizija fil-ħinijiet ta' bil-lejl.
3. Nesploraw il-possibiltà ta' CCTV cameras biex jonqos l-abbuż u l-vandaliżmu.
4. Il-Kunsill jikkonsulta wkoll mar-residenti dwar il-possibiltà ta' introduzzjoni ta' *Neighbourhood watch* madwar il-lokalità.

## AMBJENT

1. Il-Kunsill ikompli jżid is-siġar u l-pjanti madwar il-lokalità u jsebbaħ bil-pjanti tal-fjuri tal-istaġun.
2. Joħloq kampanji favur l-ambjent u l-indafa u possibiltà ta' skemi biex ir-residenti jsebbħu l-faċċati bil-fjuri u xitel.
3. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw l-iskart aħjar u biex iżommu l-indafa.
4. Il-Kunsill joffri l-aħjar servizzi ta' tindif u ġbir ta' skart madwar il-lokalità, inkluż teħid ta' inizjattivi differenti biex isir aktar separazzjoni tal-iskart.
5. Il-Kunsill jipprepara strateġija kif jista' jagħti dehra aktar nadifa lil-lokalità li xi drabi ma tinkludix biss tindif iżda tinvolvi manutenzjoni jew interventi mill-propjetarji ta' siti u binjiet madwar il-lokalità.
6. Il-Kunsill jaħdem fuq proġetti li jiġġeneraw enerġija alternattiva u sostenibbli, inkluż f'toroq, ġonna u spazji pubbliċi.
7. Ikompli jinstalla reċipjenti għar-rimi tal-iskart (litter u doggy bins).

## EDUKAZZJONI

1. Il-Kunsill joħloq opportunitajiet biex ir-residenti kollha, bla ebda distinzjoni, jkomplu jiżviluppaw ruħhom fuq ħiliet, studji akkademiċi, korsijiet fiżiċi, snajja, qari, kompjuter u teknoloġija. Għal dan il-għan il-Kunsill ikompli jorganizza numru ta' korsijiet u fejn il-post ma jippermettix għandu jasal fi ftehim mal-iskejjel biex jorganizza l-korsijiet hemm hekk.
2. Il-Kunsill jaħdem biex ikabbar iċ-ċentru ċiviku biex ikollu spazju addizzjonali għal dawn it-tip ta' servizzi.
3. Il-Kunsill iżomm l-aħjar relazzjoni mal-iskejjel tal-lokalità.
4. Il-Kunsill ikompli jattrezza u jsebbaħ il-librerija lokali u jagħmilha aktar aċċessibbli.

5. Jesplora mezzi innovattivi kif jagħmel il-librerija aktar interessanti u popolari bil-għan li jżid il-qari.

## ARTI U KULTURA

1. Sabiex jagħti aktar importanza l-arti u l-kultura l-Kunsill jinċentiva l-għaqdiet lokali biex itejjbu l-prodott tagħhom u jkomplu jorganizzaw attivitajiet fuq dan il-qasam. Għal dan il-għan il-Kunsill irid iżomm kuntatt kontinwu mal-għaqdiet kulturali lokali.
2. Il-Kunsill għandu jkompli joffri l-opportunitajiet lill-artisti lokali biex ikabbru t-talenti tagħhom. Dan isir billi jorganizza jew jgħin biex ikunu organizzati wirjiet u espożizzjonijiet artistiċi, iwassal l-arti barra mill-pajjiż u jorganizza taħriġ.
3. Il-Kunsill ikompli jorganizza attivitajiet kulturali biex ikabbar il-kultura u t-tradizzjonijiet lokali.
4. Il-Kunsill joħloq opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex ikunu aktar kreattivi u jkunu konxji mill-kultura lokali.
5. Il-Kunsill joffri spazju fiċ-Ċentru Ċiviku biex isiru wirjiet artistiċi eċċ.

## KOMUNIKAZZJONI U KONSULTAZZJONI

1. Il-Kunsill għandu jaċċerta li jżomm l-aqwa komunikazzjoni possibbli mar-residenti. Surveys regolari
2. Il-Kunsill iżomm l-aqwa relazzjoni possibli mal-għaqdiet lokali kollha.
3. Jikkonsulta mar-residenti f'kull proġett li jsir.

## SERVIZZI MILL-UFFIĊJU TAL-KUNSILL

1. Inkomplu noffru servizzi ta' eċċellenza billi nattrezzaw l-uffiċini tal-Kunsill biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-pubbliku u joffru ambjent akkoljenti.
2. Intejjbu s-sistemi interni u nisfruttaw it-teknoloġija biex l-amministrazzjoni tkun aktar effiċjenti u effettiva.
3. Nagħmluha aktar faċli li persuna jinqeda mill-kumdità ta' daru mingħajr ma nnaqqsu l-kuntatt uman.

## KOMUNITÀ KUMMERĊJALI

1. Il-Kunsill ikompli jżomm kuntatt mill-qrib man-negozji, jsostnihom biex ikabbar l-ekonomija lokali u b'hekk itejjeb is-servizzi li teħtieġ il-komunità.
2. Ikun ippubblikat *Business Directory* ġdid inkluż b'mod diġitali.
3. Jinħatar sotto-kumitat għan-negozji.

## FONDI EWPROPEJ

1. Il-Kunsill jimbarka fuq ħidma biex jakkwista fondi ewropej għal diversi inizjattivi u proġetti madwar il-lokalità.
2. Jgħin lill-għaqdiet lokali biex jieħdu kull opportunità possibli minn fondi ewropej.
3. Iġedded l-iskambji u l-ġemellaġġi bil-għan li tibbenefika l-komunità u l-kultura lokali.
4. Isaħħaħ u joħloq *networking* ma lokalitajiet barranin.

## TURIŻMU

1. Il-Kunsill jagħti importanza lit-turiżmu lokali.
2. Jiddiskuti ma' operaturi turistiċi/B&B Lukandi sabiex isir joħloq inizjattivi konġunti.
3. Jippubblika ktieb bir-ritratti tal-lokal.
4. Jippubblika ktieb b'rakkonti minn persunaġġi Naxxarin.
5. Isir filmat fuq in-Naxxar.
6. Issir promozzjoni lin-Naxxar b'mezzi relatati mat-turiżmu.
7. Issir mappa turistika ġdida.
8. Tingħata importanza lil dan is-settur fil-pjan lokali (*Master plan*).

## QASAM SOĊJALI

1. Intejbu s-servizzi fid-*Day Care Centre* billi norganizzaw taħditiet għall-anzjani.
2. Niżguraw li l-Anzjani tagħna jkollhom fejn jiltaqgħu spiss biex b'hekk ikollhom svog u ħin fejn jirrilassaw u jikkomunikaw ma' ħaddieħor.
3. Tibqa' tiġi organizzata l-ikla annwali tal-Anzjani.
4. Jiġu organizzati attivitajiet għall-anzjani.
5. Il-Kunsill, bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, għandu jimbarka fuq programm sabiex fin- Naxxar jitwaqqaf Ċentru ta' matul il-lejl (*Night Shelter*).

## SPORTS

1. Il-kunsill jimbarka fuq programmi ta' attivitajiet sportivi biex inferrxu dejjem aktar il-kultura sportiva.
2. Jorganizza Maratona / *Fun Run* kull sena,
3. Jaħdem aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet Sportivi u noffru faċilitajiet lill-għaqdiet lokali għall-użu sportiv.
4. Isir tentattiv biex noffru opportunità liċ-ċiklisti biex iżuru pajjiżi barranin u jipprattikaw l-isport tagħhom hemm.
5. Ikunu installati numru ta' bicycle racks.

## INIZJATTIVI FAVUR L-ANNIMALI

6. Noħolqu pet areas fil-lokalita' billi nagħmlu użu minn spazji pubbliċi li jkunu aċċessibbli għall-pets. Laqgħat mal-cat feeders biex ngħinuhom u nagħtuhom support u possibiltajiet ta' fondi lokali mill-Animal Welfare.
1. Flimkien man-negozji kummerċjali indaħħlu kultura ta' *"Pet friendly"*.

## TISBIĦ U PROĠETTI

1. Il-kunsill jiżgura li l-Proġetti li diġà ġew imniehda jitwettqu matul dawn il-ħames snin.
2. Iwettaq proġett ta' tibdil ta' lampi bi stil tradizzjonali fit-Triq Il-Markiż Scicluna.
3. Ikun installat dawl ġdid fi Triq Castro permezz ta' lampi bi stil tradizzjonali.
4. Isir proġett biex jitneħħew il-wajers minn Triq Santa Luċija u toroq oħra antiki.
5. Tisbiħ f'Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq.
6. Tisbiħ u manutenzjoni fil-ġnien Santa Marija ta' l-Anġli
7. Outdoor gym fis-Sagħtar (sgħajtar skont geoserver)
8. Bandli ġodda fi ġnien il-Ħamrija is-Sagħtar
9. Outdoor gym/bandli ġo San Pawl tat-Tarġa
10. Ġnien f'Birguma
11. Restawr tal-Mitħna tal-Għaqba bl-għan ewlieni li jkun ta' post kulturali u turistiku
12. Bini ta' sular ieħor fuq il-bini tal-Kunsill, inkluż multi-purpose Hall biex ikollu spazju adekwat biex jopera u biex noffru aktar servizzi lir-residenti.
13. Tibdil tal-bankina fil-parti ta' fuq ta' Triq tal-Labour sa Pizza Planet
14. Pjan ta' żona pedestrian friendly fit-Triq Leli Falzon

15. Nistabbilixxu żoni oħra ta’ tisbieħ fejn jitgawdew mill-pubbliku. Dan jinkludi l-possibiltà ta’ ħolqien ta’ pjazzettI f’diversi żoni.
16. Il-Kunsill jibda l-proċess ta’ devoluzzjoni tat-Torri tal-Kaptan.

## ATTIVITAJIET

1. Il-Kunsill jiżgura li jkompli jorganizza numru ta’ attivitajiet. Dawn ikunu:
    a. Jum in-Naxxar
    b. Ġieħ In- Naxxar
    c. Karnival fin-Naxxar
    d. Jum il-Mara
    e. Il-Mixgħela
    f. Milied Malti Fin-Naxxar
    g. Maratona sportiva kull sena
    h. Familja Attiva
    *i. Halloween*
    j. Attivitajiet sportivi

In-Naxxar Local Council

# Work Plan
# 2019 – 2024

## Abbozz għall-konsultazzjoni mal-pubbliku

## CONTENTS

THE COUNCIL'S VISION ........ 12

INFRSTRUCTURE ........ 12

TRAFFIC ........ 13

PUBLIC TRANSPORT ........ 13

SAFETY ........ 14

ENVIRONMENT ........ 14

EDUCATION ........ 14

ART AND CULTURE ........ 15

COMMUNICATION AND CONSULTATION ........ 15

SERVICES FROM THE LOCAL COUNCIL ........ 15

BUSINESS COMMUNITY ........ 15

EUROPEAN FUNDING ........ 15

TOURISM ........ 16

SOCIAL SECTOR ........ 16

SPORTS ........ 16

INITIATIVES IN FAVOUR OF ANIMALS ........ 16

PROJECTS AND EMBELLISHMENT ........ 17

ACTIVITIES ........ 17

## THE COUNCIL'S VISION

- To be closer to the residents and be their voice with central government entities
- To foster and preserve the identity, the character, the traditions and heritage of Naxxar
- To provide a better environment and quality of life
- To provide the best services to its residents

## INFRASTRUCTURE

1. The Council sets up a system where residents have the opportunity to make suggestions to the Council on how to embellish Naxxar. These suggestions are made through a system on Social Media where residents are also able to vote for them. The Council will set up an award system which can take various forms.
2. The Council will engage/contract a works manager to make sure that the contracts are adhered to and to ascertain good maintenance of the roads, pavements, gardens, playing fields and other public places.
3. Continuation of works with pavement reconstruction.
4. Continuation of road repair works while insisting with Infrastructure Malta to continue with the road reconstruction program in Naxxar.
5. In recent years the council has come up with ideas of projects for every area. The Council shall ensure that the residents of Naxxar are involved in coming up with ideas for these spaces in every zone. Suggestions for open spaces can be forwarded for:
   a) Birguma, including Belvedere.
   b) Baħar iċ-Ċagħaq (Xatt il-Palm).
   c) Magħtab (in collaboration with Wasteserv, part of the closed landfill can be used).
   d) Triq il-Lanġas in front of the Ċentru Pastorali which can be more pedestrian friendly.
   e) Triq San Pawl near the chapel which can be more pedestrian friendly.
   f) Triq V Boron with Triq San Publju.
6. The Council works on a local plan by contracting experts to carry out a study around Naxxar regarding parking and traffic. It will study the possibilities of a PPP for an underground parking possibly underneath Ġnien Toni Vella.
7. The Council considers the installation of electronic signs which normally inform drivers of their speed in order to reduce it. They would be installed on roads which although local

roads, are considered as local arteries, such as Triq San Pawl, Triq V Boron, Triq it-Tuffieħ and Triq Anton Manuel Caruana.

8. A subcommittee will be set up specifically to address accessibility problems in the locality as well as other problems facing disabled people. This subcommittee will perform walkabouts around the town to see where road improvements are needed.
9. Il-Kunsill will discuss with Infrastructure Malta to find a solution for the flooding of certain areas such as Triq tal-Labour, Pjazza Ċelsi and Triq Leli Falzon.

## TRAFFIC

1. The amount of traffic we have in Naxxar center is preoccupying and is affecting the residents' lives negatively. The Council believes that traffic which is not required to enter Naxxar should be discouraged.
2. Part of the local plan should focus on how to better control and reduce traffic.
3. The council ensures that the road infrastructure, such as road signs and road markings is maintained in the best state possible.

## PUBLIC TRANSPORT

1. The Council continues to offer and extend the P2P transport service which automatically targets both the environmental and health aspects. A study will be done to assess the use and an increase in hours of service will be effected if needed. The Service will continue to be better promoted and if there is the potential for it, the council will invest in a mobile app to facilitate the same service.
2. The Council considers the possibility to invest in another vehicle that would be electric and smaller than the current van. This would make it easier to find drivers because the current vehicle requires a special license.
3. To initiate a program of installation of bus shelters where needed and include embellishment of the area.
4. The council will work towards more sustainable transport by encouraging the use of bicycles and electric vehicles. To this end the council will:

    a. Create cycling routes with the appropriate signage
    b. Increase the number of bike sharing stands.
    c. Increase charging points for electric vehicles in the town centre.

## SAFETY

1. To put the residents' mind at rest with regards to safety, the Council maintains contact with the police and LESA through regular meetings. The Council calls on these bodies to offer talks and information on better home security.
2. The council will put more pressure for a greater presence of police at night.
3. Explores the possibility of CCTV cameras to thwart abuse and vandalism.
4. The council will consult with the residents for the possibility of introducing a neighbourhood watch around the locality.

## ENVIRONMENT

1. The council will continue to plant more trees and plants around the locality and embellish with seasonal flowering plants.
2. Create environmentally friendly and cleanliness campaigns and possibly schemes for residents to embellish the facades of their homes with flowers and plants.
3. The council encourages residents to separate their waste better and maintain cleanliness.
4. The Council offers the best cleaning and refuse collection services throughout the locality, including taking various initiatives to further encourage waste separation.
5. The Council prepares a strategy on how to give a cleaner appearance to the locality that may include not only cleaning, but also involves maintenance or interventions by the owners of properties and sites all over the town.
6. The Council works on projects that generate alternative and sustainable energy, including roads, gardens and public spaces.
7. Continues to install waste disposal bins (litter and doggy bins).

## EDUCATION

1. The Council creates opportunities for all residents, without distinction, to continue to develop their skills, academic studies, physical courses, crafts, reading, and computer technology. To this end the Council continues to organize a number of courses and where the space available is insufficient, there should be an agreement with schools to organize courses there.
2. The Council works to expand the civic center to have additional space for these types of services.
3. The council will maintain the best relations with the schools.
4. The Council continues to equip and improve the local library and make it more accessible.
5. Explores innovative ways how to make the library more interesting and popular in order to promote reading.

## ART AND CULTURE

1. To give more importance to art and culture the Council gives incentives to local organizations to improve their product and continue to organize activities in this field. To this end the Council must maintain continuous contact with local cultural organizations.
2. The Council will continue to offer opportunities to local artists to enhance their talents. This is done by organizing or helping to organize exhibitions and artistic performances, take the art abroad and organize training.
3. The Council continues to organize cultural activities to enhance the culture and local traditions.
4. The Council creates opportunities for young people to be more creative and be aware of the local culture.
5. The Council offers space at the Civic Center for artistic exhibitions etc.

## COMMUNICATION AND CONSULTATION

1. The Council must ensure to maintain the best possible communication with residents. Regular surveys.
2. The council maintains the best relations with all local organisations.
3. Consults with residents on every planned project.

## SERVICES FROM COUNCIL OFFICE

1. We continue to offer excellent services by equipping the office to cater for the needs of the public and offer a welcoming environment.
2. Improves internal systems and exploits technology to make the administration more efficient and effective.
4. We make it easier for one to be served from the comfort of his home without reducing human contact.

## BUSINESS COMMUNITY

1. The Council continues to maintain close contact with businesses, supports them to boost the local economy and thus improve the services required by the community.
2. Copy of The Business Directory to be published as well as in a digital format.
3. A sub-committee for businesses to be set up.

## EUROPEAN FUNDS

1. The Council embarks on working towards acquiring European funds for various initiatives and projects around the locality.
2. Helps local organisations to take every possible opportunity for European funding.

3. Renews exchanges and twinning with a view to benefit the community and local culture.
4. Strengthens and creates networking with foreign localities.

## TOURISM

1. The council gives importance to local tourism.
2. Discusses with tour operators / B & B hotels in order to create joint initiatives.
3. Publishes a book of local photography.
5. Publishes a book of narratives by personalities from Naxxar.
6. Makes a film about Naxxar.
7. Promotes Naxxar by means related to tourism.
8. A new touristic map is done.
9. Importance is given to this sector in the Master plan

## SOCIAL SECTOR

1. We improve services at the Day Centre by organising talks for the elderly.
2. Make sure that the elderly have a place where to socialise frequently and thus have an outlet and time to relax and communicate with other persons.
3. Continues to organise the annual lunch for the elderly.
4. Activities for the elderly to be organised.
5. The Council, with the support of the Central Government, embarks on a program to set up a night shelter in Naxxar.

## SPORTS

1. The council embarks on sports programs to better expand a sporting culture.
2. Organises a Marathon/ Fun Run annually,
3. Works closer with sports organizations and offer facilities to local organizations for sports use.
4. Attempts to offer cyclists an opportunity to visit foreign countries whereby to practice their sport.
5. Installs a number of bicycle racks.

## INITIATIVES IN FAVOUR OF ANIMALS

1. Create pet areas in the locality by making use of public spaces which are accessible to pets. Meetings with cat feeders to help them and give them support and explore the possibility of local funding from Animal Welfare.
2. Together with businesses we instil a "Pet friendly” culture.

## EMBELLISHMENT AND PROJECTS

1. The council ensures that projects which have already been launched are completed during these five years.
3. Actuates a project for the replacement by traditional style lamps in Triq il-Markiż Scicluna
4. Installation of new lighting in Triq Castro by traditional style lamps.
5. Starts a project to remove wires form Triq Santa Luċija and other old roads.
6. Embellishment in Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq.
7. Embellishment and maintenance in ġnien Santa Marija ta' l-Anġli
8. Outdoor gym in Sgħajtar
9. New playing field in ġnien il-Ħamrija in Sgħajtar
10. Outdoor gym/playing field in San Pawl tat-Tarġa
11. Garden in Birguma
12. Restoring the Għaqba Mill with the main aim of making it into a cultural and touristic site.
13. Building another floor on the premises of the Council, including a multi-purpose Hall in order to have adequate space to operate and offer more services to residents.
14. Replacement of the pavement in the upper part of Triq tal-Labour up to Pizza Planet
15. Plan for a pedestrian friendly zone in Triq Leli Falzon
16. Establishing other areas for embellishment to be enjoyed by the public. This includes the possibility of creating small plazas in various areas.
17. The Council starts the process for devolution of Torri tal-Kaptan.

## ACTIVITIES

1. The council ensures the continuation of the organisation of a number of activities as follows:
   g) Jum in-Naxxar-Naxxar Day
   h) Ġieħ In- Naxxar- Naxxar award
   i) Carnival in Naxxar
   j) Woman's day
   k) Il-Mixgħela-Light-up
   l) Milied Malti Fin-Naxxar-Maltese Christmas in Naxxar
   m) Annual sport marathon
   n) Familja Attiva-Active Family
   o) Halloween
   p) Sport activities